# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Karl Vella Petroni**

**Illum: 25 ta Settembru 2023**

**Il-Qorti**

Rat L-imputazzjonijiet kontra Karl Vella Petroni id 0000382 M bin Pierre u Odelle nee Turner imwieled Pieta 25/11/81 toqghod Dar It- Tuta Triq il- Hwawar Iklin akkuzat talli fis-6 ta' Marzu 2019 ghall-habta ta' 19.00 hrs fi Triq Loius Wettinger Mellieha;

1. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek  kontroll ta’ vettura Nru BCC 903 fi triq jew f’post meta ma kontx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.
2. W’aktar talli soqt, ipprovajt isssuq jew kellek kontroll tal-vettura nru BCC903 f’post pubbliku wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs , fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.
3. U b’nuqqas ta’ hsiebu bi traskurazggni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga meta nvolontarjament ikkagunajt hsarat fuq roundabout liema hsara hija fit-turf shrubs electrical equipment u fil-kerb ghad-dannu ta Environmental Landscapes Consortium Ltd.
4. Soqt l-imsemmija vettura BCC903 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtoritajiet ghat-Trasport f’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).
5. W’aktar in sirt recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13/3/2018 mill- Magistrat F Depasquale LLD liema sentenza saret difinittiva u ma tistax tigi mhassra.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta’ zmien ta mhux inqas minn sitt xhur.
Rat l-artikoli 15A 15B 15 (1)(a) (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikol 49 u  328(1)  (d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni
Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha prodotti.
Rat it-trattazzjoni tal- partijiet.

**Ikkunsidrat**

Gew ezebiti mat-tahrika tal-kawza tal-Pulizija, rat kif ukoll affidavit tal PC 1553 u PC 788 K Xerri li kellu anness mieghu breathalizer test kif ukoll ricevuta tal Envirmental Landscapes Consotium Limited. U Dok TM rigwardanti l-licenzja tal-vettura BCC903.

Fl-affidavit tieghu **PC 1553 F Mizzi** dahal fil-cirkostanzi tal-involvement tieghu fil-proceduri odjerni u kif wasalk li jaghmel Breathalizer test fuq Michelle Laferla 189036A.

Jigi rilevat li fuq il-breathalizer test in-numru tal-vettura indikata bhala bbz 492.

**Sandra Paulus** ma gietx permessa li tixhed fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 stante li waqt ix-xhieda taghha kienet qed tkellem lil Karl Vella Petroni.

**Karl Vella Petroni** fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2022 ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu.

**Fis-seduta tall-29 ta' Marzu, 2023 Norman Mifsud, xehed hekk:**

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hekk Alla jghinek.

Xhud: Iva nahlef,

Pros: X`inhu l-inkarigu tieghek sinjur?

Xhud: Jiena General Manager tal-ELC.

pros: Gejt mitlub hawnekk taghti ix-xhieda rigward kaz partikolari tghidilna x`ghandek?

Xhud: Ehe jiena li ghandi quotation li ghandi f`idejja ta xi hsara li saret fir-roundabout tal-Mellieha.

Pros: Ghandek id-dettalji tad-data?

Xhud: Id-data tal-quotation hija 13 ta` Marzu 2019.

Qorti: Imma l-incident meta sar?

Xhud: Le li ghandi li sar fuq in-notifika fis-6 ta` Marzu tat-2019.

Pros: Kemm hu l-valur jekk jogghbok?

Xhud: 846.86c ewros.

Qorti: Tista tezebiha please DOK NM.

**Michelle Laferla** ghazlet li ma tixhidx sabiex ma tinkriminaz ruha.

**Ikkunsidrat**

Illi rigwardanti l-ewwel zewg imputazzjonijet jirrizulta  li fit-test tal-breathalizer ezibit mill-Prosekuzzjoni mhux car in-numru tal-vetura   li kienet qed tinsaq. Din hi prova essenzjali ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet u  bhekk isegwi li dawn l-imputazzjonijet mhux ippruvati.

Rigwardanti t-tielet imputazzjoni , mid-dok NC ma jirrizultax id-data ta' meta sehhew id-danni  u lanqas ma seta' jikkonferma d-data x-xhud Norman Mifsud General manager tal- Environmental Landscapes Consotium Ltd u bhekk isegwi li mhemmx il- prova fil-grad  rikjest  lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li dawn id-danni saru konsegwenza tal-incident in desamina u fid-data indikata u per konsegwenza din  l-imputazzjoni mhux pruvata.

Rigwardanti r-raba' imputazzjoni , minn Dok B jirrizulta li l- Vettura BCC903ma  kenitx licenzjata fil-mument tal- incident u din l-imputazzjoni hi ippruvata.

Rigwardanti il- hames imputazzjoni, imgabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant il- Qorti wara li rat l-artikoli 15A 15B 15(1)(a)(3)  tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u artikoli 49 u  328(1) (d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta  tilliebera lill-Karl VellaPetroni  minn kull htija jew piena mill-ewwel (1), tieni(2), tielet(3) u hames(5) imputazzjoni.

Issibhu hati tar-raba’ (4) imputazzjoni u tikkundannah sena(1) habs effettiv  u tiskwalifikah mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien sena(1)  liema perijodu ghandu jibda jiddekorri wara li jkun skonta l- piena karcerarja.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**